## Nru. 539
## ORDNI GHALL-KONSERVAZZJONI

**Artikolu 46 ta' l-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp**

L-Awtorità ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-fdalijiet li ġejja, jiġifieri:

Iċ-Ċittadella
Victoria, Għawdex

(ara l-pjanta f'paġna 5239) hija ta' valur arkeoloġiku, storiku u kulturali li ġiet inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li s-sit imsemmi għandu bżonn jiġi kkonservat u għalhekk qiegħda toħroġ Ordni għall-Konservazzjoni fir-rigward tas-sit msemmi hawn fuq skond l-artikolu 46 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

Hemm impatt dirett mill-pubbliku fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-fortifikazzjonijiet, swar u fdalijiet taċ-Ċittadella. Dan l-impatt ħoloq sitwazzjoni perikoluża għall-pubbliku in ġenerali u t-turisti.

(i) Il-fortifikazzjonijiet u s-swar taċ-Ċittadella inklużi fl-*area* skedata (ara l-pjanta f'paġna 5239), għandhom ikunu kkonservati u ppreservati skond programm kontinwu ta' manutenzjoni;

(ii) Il-manutenzjoni ta' dan is-sit jaqa' direttament u esklussivament taħt ir-responsabilità tal-Gvern, speċjalment iċ-*Cittadella Restoration Unit* fi ħdan is-sezzjoni tat-Taqsima tax-Xogħlijiet ta' Għawdex;

(iii) Minn żmien għal żmien dan id-Dipartiment imsemmi hawn fuq għandu jinforma lill-Awtorità ta' l-Ippjanar u d-Dipartiment tal-Mużewijiet fuq il-partijiet u s-siti li għandhom jiġu kkonservati u ppreservati wara l-ispezzjonijiet neċessarji;

(iv) Għandu jkun hemm ftehim bejn iż-żewġ partijiet fuq metodi ta' konservazzjoni fuq dan is-sit. Il-programm għandu jitfassal fuq il-kriterji stabbiliti fil-Konvenzjonijiet, *Charters* u Protokolli stabbiliti mill-Kunsill ta' l-Ewropa u l-UNESCO li Malta ffirmat għalihom.

Jekk il-proprjetà jew sit jiġi demolit jew mibdul bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-artikoli 46,52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

L-20 ta' Lulju, 1999

## No. 539
## CONSERVATION ORDER

**Section 46 of the Development Planning Act, 1992**

The Planning Authority believes that the following remains, namely

Ċittadella
Victoria, Gozo

(see site plan on page 5239) is of Archaeological, Historical and Cultural Importance such that the site has been listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in need of conservation and is hereby issuing a Conservation Order in respect of the above site in accordance with section 46 of the Development Planning Act.

Whereas the fortifications, outworks and ruins of the Ċittadella are largely open to the public and visitor impact takes its toll on their state of conservation and whereas parts of the edifices on the site constitute a danger to passers-by:

(i) The fortifications and outworks within the scheduled area of the Ċittadella (as per site plan on page 5239), are to be maintained and conserved by means of a continuous maintenance programme;

(ii) The maintenance of the said site is exclusively the responsibility of the Government, namely the Ċittadella Restoration Unit within the Gozo Section of the Works Division;

(iii) Periodically the said division will inform the Planning Authority and the Museums Department of the part of the site or area which is to be conserved and preserved following site inspections as necessary;

(iv) Both parties will agree on the conservation methods to be employed in the particular case in point. The programme has to follow the criteria established by the Council of Europe and UNESCO in their Conventions, Charters and Protocols, to which Malta is signatory.

If the property is damaged or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

20th July, 1999




St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

**PLANNING AUTHORITY**

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map:-
Min E31220, N89392
Max E31683, N89809

Title :-
Conservation Order
Cittadella, Victoria Gozo

Ref No. :- 143/99

— Conservation Order Boundary

Form No.:- MU004